

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

**2008/2330(INI)**

5.3.2009

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-Aġenda soċjali mġedda  
(2008/2330(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Cornelis Visser

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza b'mod partikolari l-importanza ta' tagħlim għall-adulti u jħeġġeġ li jkun hemm djalogu akbar bejn l-intrapriżi, il-korpi ta' taħriġ, it-trejd junjins u s-settur tal-volontarjat, sabiex jidentifikaw u jfassru kompetenzi ġodda hekk li l-għoti ta' edukazzjoni għall-adulti tirrifletti t-talba għall-ħiliet; il-kontenut tal-edukazzjoni għandu jikkorrispondi mal-ħtiġijiet vokazzjonali u prattiċi;
2. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-Universitajiet u l-qasam kummerċjali għaliex huwa important li jiġi żgurat li dawn l-imsieħba jikkoperaw u jappoġġjaw lil xulxin għall-ġid tal-organizzazzjoni tagħhom stess, tal-istaff tagħhom u tal-istudenti tagħhom; għandha tinbena rabta bejn il-kurrikula universitarji u d-dinja tax-xogħol u l-qasam kummerċjali għandu jkollu l-possibilità li jikkumplementa programmi ta' studju, li joffri apprendistat, li jorganizza "open days" għall-istudenti eċċ;
3. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-konċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja mal-ħajja tax-xogħol u tat-tagħlim għal tul il-ħajja titlob it-twessigħ tal-ambitu tal-faċilitajiet pubbliċi u privati għall-ħarsien tat-tfal u tal-għajnuna għas-saħħa u l-għajnuna soċjali għad-dipendenti. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li min iħaddem ikun involut fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet flessibbli tax-xogħol sabiex il-ġenituri jkollhom l-opportunità li jkomplu bit-tagħlim għal tul il-ħajja filwaqt li jkomplu jaħdmu u sabiex isibu bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol;
4. Itenni l-importanza tal-irwol li t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għandha fit-tagħlim għal tul il-ħajja (pereżempju, tagħlim mill-bogħod) u li jingħata appoġġ akbar għat-tagħlim tal-lingwi skont dawn il-punti: l-iżvilupp tal-prinċipju ta' "1+2" lingwi, programmi speċjali tal-lingwa għall-immigranti sabiex iżidu ċ-ċansijiet ta' xogħol u ta' integrazzjoni soċjali u fl-aħħar nett, il-politika li f'żoni qrib il-fruntieri wieħed jitgħallem il-lingwi tal-pajjiżi ġirien u li jkun hemm il-promozzjoni ta' programmi ta' taħriġ bejniethom għaliex dan iżid iċ-ċans għax-xogħol;
5. Jenfasizza l-importanza tal-korsijiet fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-livelli kollha u f'kull tip ta' edukazzjoni bħala element essenzjali biex jiżiedu l-prospetti tal-opportunitajiet tax-xogħol u l-iżvilupp ta' soċjetà moderna bbażata fuq l-għerf;
6. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-**isport** huwa strument eċċellenti ta' inklużjoni soċjali u jaġhti kontribut għall-iżvilupp ta' valuri bħall-ġustizzja, is-solidarjetà, ir-rispett lejn ir-regoli u l-ispirtu ta' grupp. Huwa għandu wkoll rwol sinifikanti fis-saħħa, l-edukazzjoni u l-valuri kulturali bis-saħħa ta' organizzazzjonijiet msejsa fuq bażi volontarja;
7. Jikkunsidra li teħtieġ aktar riflessjoni dwar l-Aġenda Soċjali Mġedda fid-dawl tal-bidliet mgħaġġla tal-progress fl-ekonomija dinjija, għaliex dawn għandhom implikazzjonijiet kbar fuq il-prospetti tax-xogħol u t-taħriġ taż-żgħażaġh, jeħtieġu aktar flessibilità mingħajr madankollu garanzija ta' sigurtà ta' xogħol u jinvolvu aktar xogħol każwali, u

b'hekk jheddu l-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Ewropa soċjali;

8. Isostni li l-kultura u l-attivitajiet kulturali huma strumenti essenzjali għall-inklużjoni soċjali u jgħinu biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp personali, jipromwovu l-benessere tas-soċjetà, u jrawmu t-talenti;
9. Jemmen li kemm jista' jkun malajr jeħtieġ li nies qiegħda jiġu mmotivati u jitħeġġew jipparteċipaw f'taħriġ għal impjiegi li ma jkunux inklużi fis-suq tax-xogħol.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	5.3.2009
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Badia i Cutchet, Katerina Batzeli, Ivo Belet, Marie-Hélène Descamps, Daniel Petru Funeriu, Milan Ga'a, Claire Gibault, Vasco Graça Moura, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Mikel Irujo Amezaga, Adrian Manole, Manolis Mavrommatis, Zdzisław Zbigniew Podkański, Pál Schmitt, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Henri Weber
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gyula Hegyi, Ewa Tomaszewska, Cornelis Visser
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Wolfgang Bulfon, Andres Tarand